31985R2249

7.8.1985 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 210/13

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2249/85
tat-2 ta' Awissu 1985
li jemenda r-Regolament Nru 467/67/KEE li jiffissa r-rati ta' konverżjoni, l-ispejjeż ta' l-ipproċessar u l-valur tal-prodotti derivati għall-istadji varji ta' l-ipproċessar tar-ross

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1418/76 tal-21 ta' Ġunju 1976 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq tar-ross [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1025/84 [2], u b'mod partikolari Artikolu 19 tiegħu,

Billi Artikolu 2(1) u (2) tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 467/67/KEE [3], kif l-aħħar emendat bir- Regolament (KEE) Nru 1548/84 [4], iffissa l-ispejjeż ta' l-ipproċessar li għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni għal ċerti stadji ta' l-ipproċessar; billi, bħala riżultat ta' tibdil fil-prezzijiet, l-ispejjeż ta' l-ipproċessar għal dawn l-istadji inbidlu wkoll u dan it-tibdil għandu jingħata kont tiegħu;

Billi l-miżuri li għalihom jipprovdi dan ir-Regolament huma skond ma' l-opinjoni tal-Kumitat Amministrattiv għaċ-Ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

F'Artikolu 2(1) u (2) tar-Regolament Nru 467/67/EEC, "45,00 ECU" hija b'dan mibdula bi "47,13 ECU".

Artikolu 2

Dan ir-regolament għandu jidħol fis-seħħ fi-1 ta' settembru ta' 1-1985.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-2 ta' Awissu 1985.

Għall-Kummissjoni

Jacques DELORS

Il-President

---

[1] ĠU L 166, tal-25.6.1976, p. 1.
[2] ĠU L 107, tad-19.1.1984, p. 13.
[3] ĠU L 204, ta' l-24.8.1967, p. 1.
[4] ĠU L 148, tal-5.6.1984, p. 16.